A.L. 144 ta' l-2007

ATT DWAR IL-KUMMISSARJI GĦALL-ĠUSTIZZJA (KAP. 291)

Regolamenti ta' l-2007 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Petizzjonijiet quddiem it-Tribunali Lokali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 13 ta' l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja, il-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2007 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Petizzjonijiet quddiem it-Tribunali Lokali, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2005 dwar Petizzjonijiet quddiem it-Tribunali Lokali, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". A.L. 414 ta' l-2005.

Emenda tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali.

2. Regolament 6 tar-regolament prinċipali għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subregolament (1) tar-regolament u minnufih wara s-subregolament (1) kif enumerat mill-ġdid għandu jidħol dan is-subregolament ġdid li ġej:-

"(2) (a) Meta tkun ġiet ippreżentata petizzjoni quddiem il-Bord, il-proċedimenti tat-Tribunal li jkunu jirreferu għal dik il-kontravvenzjoni għandhom jiġu sospiżi għal kull effett u fini tal-liġi, sa dik id-data meta l-petizzjoni tiġi deċiża.

(b) It-terminu preskrittiv fil-każ ta' kontravvenzjonijiet għandu wkoll jiġi sospiż mid-data meta tkun ġiet ippreżentata l-petizzjoni sa meta l-istess petizzjoni tkun ġiet deċiża.

(ċ) Jekk il-petizzjoni tiġi miċħuda, għandha tinħareġ taħrika ġdida.".